**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 59/17VG**

**Ines Vella**

**Vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 24 ta' Lulju 2018**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat minn Ines Vella fl-20 ta' Ottubru 2017 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka d-*demand note* datata 4 ta' Ottubru 2017, mibghuta lilha mill-Kummissarju tat-Taxxi u dana peress illi t-taxxa hemm mitluba fl-ammont globali ta' tnejn u ghoxrin elf hames mija erbgha u disghin Euro (€22,594) ma hijiex dovuta minnha stante li tali ammont huwa biss rizultat ta' zball ta' komputazzjoni fuq att pubbliku li kien sar min-Nutar Dottor Anthony Grech Trapani;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li: (i) preliminarjament, ir-Rikors promotur huwa rritu u null peress illi l-gbir ta' taxxa, bhal kwalunkwe dejn iehor, huwa regolat mill-Ligi Civili u fil-fatt ma huwiex punt tekniku ta' taxxa li t-Tribunal ghandu jiddetermina u dana billi t-Tribunal huwa stabbilit sabiex *jikkonferma, jnaqqas, izid jew jannulla l-istima jew jaghmel dik l-ordni dwarha illi jidhirlu xieraq* skond l-Artikolu 35 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk il-kompetenza ta' dan it-Tribunal ma tistax tigi estiza ghal vertenzi bhal dik odjerna; (ii) subordinatament u bla pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari, it-talbiet tar-Rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Ra d-dokument markat Dok. "A" esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi flimkien mar-Risposta tieghu a fol. 9 tal-process u d-dokument markat Dok. "VM1" esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' Nota pprezentata fl-14 ta' Gunju 2018 a fol. 22 u 23 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

In forza ta' *demand note* datata 4 ta' Ottubru 2017[1], il-Kummissarju tat-Taxxi interpella lir-Rikorrenti sabiex fi zmien hmistax-il gurnata min-notifika ta' tali *demand note* thallas is-somma komplessiva ta' €22,594 rapprezentanti taxxa, taxxa addizzjonali w interessi ghas-sena ta' stima 2014 u wissiha li fin-nuqqas ta' hlas entro t-terminu prefiss jew ta' kontestazzjoni f'Qorti ta' Gustizzja, tinhareg ittra ufficjali fil-konfront taghha ai termini tal-Ligi.

Ir-Rikorrenti tikkontesta l-interpellazzjoni u konsegwenti pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront taghha u titlob li l-istess tigi mhassra u revokata stante li: (i) l-ammont pretiz ma huwiex dovuta minnha in kwantu huwa biss rizultat ta' zball ta' komputazzjoni fuq att pubbliku li kien sar min-Nutar Dottor Anthony Grech Trapani relattivament ghat-trasferiment f'Jannar 2013 tal-fond Nru. 70, Triq l-Annunzjata, Sliema, b'konsegwenza ta' liema zball hija giet li hallset is-somma ta' €1,893 aktar minn dak minnha dovut bhala taxxa fuq il-qligh kapitali; (ii) kemm hi kif ukoll ir-rapprezentanti taghha Ecovis Malta interpellaw lin-Nutar imsemmi biex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega sabiex sussegwentement setghu jimtlew id-dikjarazzjonijiet tat-taxxa opportuni, izda n-Nutar Grech Trapani baqa' inadempjenti; (iii) minhabba l-inadempjenza tan-Nutar Grech Trapani hija tinsab fl-impossibilità li tissottometti d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa taghha u ghadha hekk prekluza milli tissottomettihom sal-gurnata ta' llum; (iv) il-Kummissarju tat-Taxxi dejjem kien infurmat bi u konsapevoli tas-sitwazzjoni li tinsab fiha r-Rikorrenti tant li ghal numru ta' snin huwa ma ha l-ebda azzjoni biex jipprova jenforza xi penali, taxxa jew multi fil-konfront taghha; u (v) sa' llum hija ghadha ma tistax tipprezenta id-dikjarazzjonijiet tat-taxxa taghha u fi klwaunkwe kaz tikkontesta l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi peress illi tinsab fl-impossibilità li tissottometti d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa taghha.

Il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi ghat-talba tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda stante li: (i) preliminarjament, in-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal li jittratta u jiddetermina l-vertenza odjerna; u (ii) fil-mertu, it-talbiet tar-Rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li: (a) siccome r-Rikorrenti naqset milli tissottometti d-dikjarazzjoni tat-taxxa taghha ghas-sena ta' stima 2014, il-Kummissarju, a tenur ta' l-Artikolu 31(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, hareg stima fil-konfront taghha u sussegwentement, a tenur ta' l-Artikolu 44(2A)(c) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, talabha thallas l-ammont dovut minnha fi zmien hmistax-il-gurnata min-notifika ta' l-interpellazzjoni ghall-hlas; (b) il-kont mahrug fil-konfront tar-Rikorrenti jinkludi stima ta' taxxa fuq id-dhul taghha kif ukoll taxxa determinata fuq qligh kapitali li hija kellha; (c) nonostante l-hrug ta' l-istima a tenur ta' l-Artikolu 31(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta u l-interpellazzjoni ghall-hlas a tenur ta' l-Artikolu 44(2A) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Rikorrenti ghad tista', fi kwalunkwe zmien, tiddikjara d-dhul taghha u qligh kapitali li kellha ghas-sena ta' stima 2014 bil-konsegwenza li l-istima mahruga fil-konfront taghha a tenur ta' l-Artikolu 31(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta tigi kkancellata; (d) kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrenti, hija ghandha l-obbligu li tiddikjara id-dhul taghha, inkluz qligh kapitali, u thallas it-taxxa relattiva dovuta u kemm-il darba tkun dovuta xi refuzjoni meta n-Nutar Grech Trapani jikkoregi l-att ta' bejgh li ghalih taghmel referenza r-Rikorrent, f'dak l-istadju jsiru l-aggustamenti fit-taxxa dovuta minnha u jekk ikun il-kaz tinghata d-debita refuzjoni mill-Kummissarju. Ir-responsabilità li tiddikjara d-dhul taghha u thallas it-taxxa relattiva tinkombi fuq ir-Rikorrenti irrispettivament minn dak li kellu jaghmel in-Nutar li ppubblika l-att ta' bejgh; (e) in kwantu rigwarda l-

[1] Dok. "VM1" a fol. 23 tal-process.

affermazzjoni tar-Rikorrenti li l-Kummissarju ma ha l-ebda azzjoni sabiex jipprova jenforza xi penali ghaliex kien konsapevoli tas-sitwazzjoni taghha, l-istess Kummissarju jirrileva li huwa ta lir-Rikorrenti zmien bizzejjed biex tiddikjara id-dhul taghha, inkluz qligh kapitali, u hekk kif wara sentejn baqghet inadempjenti ddecieda li jipprocedi fil-konfront taghha ghall-fini li tissottometti d-dikjarazzjoni ta' taxxa taghha u tottempera ruhha mal-Ligi fiskali.

Fid-dawl ta' l-eccezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal li jittratta u jiddeciedi l-vertenza odjerna sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi, it-Tribunal huwa tal-fehma li din l-eccezzjoni ghandha tigi trattata u deciza l-ewwel qabel ma jigi trattat il-mertu tar-Rikors promotur. Ghaldaqstant b'din id-decizjoni it-Tribunal se jittratta u jiddeciedi l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza hekk sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Mill-atti processwali - senjatament mir-Rikors promotur u mir-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi - ma huwiex kontestat li bhala fatt ir-Rikorrenti ma issottomettietx il-prospett ta' l-*income* taghha ghas-sena ta' stima 2014. Fid-dawl ta' tali fatt u rrispettivament mir-ragunijiet ghalfejn ir-Rikorrenti ma issottomettietx il-prospett ta' l-*income* taghha ghas-sena ta' stima 2014, necessarjament japplika dak provdut fl-Artikolu 31(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè li *meta persuna ma tkunx baghtet prospett ta' l-income ghas-sena ta' stima 1999 jew ghal xi sena sussegwenti u ma tkunx ghamlet ghazla taht l-Artikolu 12 jew, ghalkemm tkun ghamlet ghazla bhal dik hija, wara li tkun inghatalha avviz mill-Kummissarju sabiex taghmel prospett kif provdut fl-Artikolu 13, tonqos milli tipprezenta l-prospett, u l-Kummissarju jkun tal-fehma li dik il-persuna tkun suggetta ghall-hlas tat-taxxa, huwa jista' jiddetermina l-ammont tat-taxxa li ghandha tithallas minn dik il-persuna ghal dik is-sena ta' stima fuq il-bazi ta' kalkolu li jsir b'dak il-mod u b'dak il-metodu kif il-Kummissarju jqis li jkun xieraq minghajr pregudizzju ghal xi responsabbilità xort' ohra mgarrba minn dik il-persuna minhabba fin-nuqqas jew it-traskuragni tieghu li jibghat prospett.*

Dak provdut fl-Artikolu 31(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jinqara flimkien ma' dak provdut fis-subartikolu (9) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi, u cioè li *determinazzjoni li ssir skond is-subartikoli (1), (2) u (3) m'ghandhiex tittiehed bhala stima ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi*, u ma' dak provdut fl-Artikolu 44(2A)(b) u (c) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè li: *(b) l-ammont ta' taxxa muri bhala li ghandu jithallas ghal sena ta' stima minn persuna f'determinazzjoni jew stima li ssir taht l-Artikolu 31 ghandu, kemm-il darba u sakemm ma jigix sostitwit b'xi ammont iehor permezz ta' determinazzjoni jew stima sussegwenti, jitqies li jkun it-taxxa li ghandha tithallas ghal dik is-sena ta' stima ghall-ghan tal-paragrafu (a), tkun liema tkun id-data meta l-imsemmija determinazzjoni ssir jew meta l-istima ssir wahda finali u konkluziva; (c) il-Kummissarju ghandu jinnotifika avviz ta' talba lill-persuna li minnha hi dovuta xi taxxa u jekk ma jsirx hlas fi zmien hmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviz ta' talba, il-Kummissarju jista' jipprocedi biex jesegwixxi ghall-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fl-artikolu 40 wara jumejn min-notifika li ssir lid-debitur ta' talba ghall-hlas permezz ta' att gudizzjarju.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi johrog b'mod car hafna li:

(a) l-istima (fit-test Ingliz indikata bhala *estimate*) mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi a tenur ta' l-Artikolu 31(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, ma taqax taht il-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ghalkemm a tenur ta' l-Artikolu 34 u 35 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal huwa kompetenti li jisma' u jiddetermina appelli minn stimi (fit-test Ingliz indikati bhala *assessments*) mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi, a tenur tas-

subartikolu (9) ta' l-Artikolu 31 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, stimi (*estimates*) mahruga *inter alia* taht is-subartikolu (3) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligijiet ma ghandhomx jitqiesu bhala stimi (*assessments*) ghall-finijiet u effetti kollha ta' l-Atti dwar it-Taxxi, bil-konsegwenza ghalhekk li 'stimi' mahruga taht l-Artikolu 31(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta ma jistghux jitqiesu bhala stimi ghall-finijiet ta' l-Artikolu 35 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta. Tant it-Tribunal ma ghandux jidhol fi u jittratta kontestazzjonijiet minn stimi mahruga a tenur ta', *inter alia*, l-Artikolu 31(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, li a tenur ta' l-Artikolu 36 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, id-disposizzjonijiet ta' liema ghandhom effett ghall-finijiet ta' kull appell maghmul taht l-Artikolu 35 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta: *(a) it-Tribunal ghandu sommarjament jichad kull appell quddiemu ghal xi sena ta' stima u jikkonferma l-istima li dwarha jsir l-ilment, kemm-il darba ma tingiebx quddiemu prova prima facie li sad-data ta' fiha jkun sar l-appell, l-appellant ikun ipprezenta taht l-artikoli 10 u 11 prospett ta' l-income taxxabbli tieghu ghall-imsemmija sena ta' stima*; u

(b) li *d-demand note* mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront ta' *taxpayer* a tenur ta' l-Artikolu 44(2A)(c) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, hija interpellazzjoni ghall-hlas li tikkostitwixxi l-fazi inizjali tal-process ghall-gbir ta' taxxa da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi.

Dan kollu jfisser ghalhekk li kwalunkwe kontestazzjoni da parte ta' *taxpayer*, fil-kaz in ezami da parte tar-Rikorrenti, fir-rigward ta' stima mahruga a tenur ta' l-Artikolu 31(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew fir-rigward ta' *demand note* mahruga a tenur ta' l-Artikolu 44(2A)(c) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, ma taqax taht il-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Ghalkemm waqt it-trattazzjoni orali r-Rikorrenti, tramite d-difensur taghha, issottomettiet li kontestazzjoni minn *demand note* mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi taqa' taht il-kompetenza ta' dan it-Tribunal bis-sahha tad-disposizzjonijiet u provvedimenti ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament ta' l-Artikolu 5(1) ta' l-imsemmi Att, in kwantu l-istess tikkostitwixxi *att amministrattiv,* it-Tribunal ma jaqbilx ma' din l-osservazzjoni u konsegwenti sottomissjoni tar-Rikorrenti.
Kif già iktar 'l fuq osservat, l-Artikolu 44(2A)(c) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta kjarament jipprovdi li *l-Kummissarju ghandu jinnotifika avviz ta' talba lill-persuna li minnha hi dovuta xi taxxa u jekk ma jsirx hlas fi zmien hmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviz ta' talba, il-Kummissarju jista' jipprocedi biex jesegwixxi ghall-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fl-artikolu 40 wara jumejn min-notifika li ssir lid-debitur ta' talba ghall-hlas permezz ta' att gudizzjarju.* Minn dan il-provvediment johrog b'mod car li l-avviz ta' talba, jew *demand note,* huwa interpellazzjoni ghall-hlas tat-taxxa dovuta, liema interpellazzjoni ma tikkostitwixxix att amministrattiv a tenur ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta li appuntu jiddefinixxi t-terminu *att amministrattiv* bhala li jinkludi *l-hrug mill-amministrazzjoni pubblika ta' ordni, licenza, permess, warrant, awtorizzazzjoni, koncessjoni, decizjoni jew cahda ta' xi talba maghmula minn membru tal-pubbliku, izda ma tinkludix mizura li tittiehed ghall-organizzazzjoni interna jew ta' amministrazzjoni fi hdan l-istess amministrazzjoni pubblika.*

It-Tribunal ghalhekk itenni li fil-fehma tieghu l-azzjoni proposta mir-Rikorrenti ma taqax taht il-kompetenza tieghu u b'hekk ghandu jastejni milli jiehu konjizzjoni taghha.

Ghalkemm a tenur ta' l-Artikolu 741 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, *l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza tal-qorti tista' tinghata … (b) meta, ghalkemm ta' gurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawza tingieb quddiem qorti diversa minn dik li ghandha tiehu konjizzjoni taghha: Izda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eccezzjoni hi gustifikata, il-qorti ghandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proceduri jigu*

*trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li ghandhom jiehdu konjizzjoni ta' dik il-kawza: …* u ghalkemm fid-*demand note* mertu ta' dawn il-proceduri r-Rikorrenti giet imwissija li *jekk tibqa' ma thallasx jew ma tikkontestax f'Qorti tal-Gustizzja l-ammont dovut sad-data indikata, se tinhareg ittra ufficjali kontra tieghek*, it-Tribunal ma jarax kif f'dan l-istadju tal-process ta' gbir ta' taxxa r-Rikorrenti tista' b'mod proceduralment validu, ghall-inqas entro l-parametri tal-kontestazzjoni kif impostata fir-Rikors promotur, tirrikorri ghall-awzilju ta' Qorti tal-Gustizzja, u ghaldaqstant iqis li l-ewwel proviso ta' l-Artikolu 741(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jsibx applikazzjoni fil-kaz in ezami.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li l-eccezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal li jittratta u jiddeciedi t-talbiet tar-Rikorrenti sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi hija gustifikata u b'hekk jisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi, u filwaqt li jiddikjara li ma huwiex kompetenti li jittratta u jiddeciedi t-talbiet tar-Rikorrenti, jastejni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tar-Rikorrenti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**